# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju 2018**

**Talba Nru: 330/17 CZ**

**Victoria Vassallo**

**vs.**

**Tabib Ewlieni tal-Gvern**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attrici imressqa fil-25 ta' Lulju 2017 li permezz taghha ppremettiet u talbet:

It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna lill-konvenut jhallsu lill-atturi s-somma ta' hamest'elef, u erbgha u tletin Euro (€5,034) rapprezentanti din is-somma hamsa u erbghin (45) gurnata leave li ma thallsitx taghhom wara li rtirat mix-xoghol bhala senior staff nurse fis-6 ta' Settembru 2016.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' ittra ufficcjali pprezentata fl-24 ta' Mejju 2017 (Dok. A), u l-imghax u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-23 t'Awwissu 2017, il-konvenut eccepixxa:

Illi l-allegazzjonijet ta' l-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda ta' l-attrici (fol. 19A et seq.), ra n-nota ta' l-attrici a fol. 17 li biha rriduciet is-sorte ghal erbat'elef disa' mija u hamsin Euro (€4,950) biex b'hekk it-talba odjerna giet issa taqa' fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal, ra nota ohra ta' l-attrici a fol. 27, u sema' x-xiehda ta' Hubert Brincat u Joseph Barbieri.

Ra li l-kawza thalliet ghall-kontro-ezamijiet u ghat-trattazzjoni ghas-seduta tat-18 t'April 2018.

Sema' s-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tal-konvenut;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi l-attrici qalet li kienet tahdem bhala senior staff nurse u rtirat fl-2016. Kienet giet infurmata li kellha jedd ghal tliet xhur pre-retirement leave, u ghandha tithallas ta' dan il-pre-retirement leave. Produciet ukoll il-kalkoli taghha b'nota, fejn fiha spjegat ir-ragunijiet taghha ghaliex ghandha tithallas tal-pre-retirement leave, u kkonkludiet li ghandha tithallas erbat'elef, disa' mija u seba' u tmenin Euro (€4,987); (ghalkemm b'nota precedenti kienet irriduciet l-ammont mitlub ghal erbat'elef, disa' mija u hamsin Euro (€4,950).

Illi Hubert Brincat, mill-Isptar Mater Dei, min-naha l-ohra qal illi l-attrici kienet prevaliet ruhha minn iktar minn nofs il-leave taghha tal-mard, u ghalhekk ma kinitix intitolata ghal pre-retirement leave. Ghal dan il-ghan, prezenta l-iskedi ta' l-attendenza relattivi ghall-attrici u li minnhom jirrizulta kemm hadet leave ghall-mard matul iz-zmien.

Illi x-xhud Joseph Barbieri esebixxa estratt mill-Public Service Management Code, li jindika, fi klawsola numru 1.1 tieghu, li sabiex wiehed ikun intitolat ghal leave ta' qabel l-irtirar, wiehed irid jakkumula medja ta' hamsin fil-mija (50%) ta' leave ghall-mard mhux utilizzat, on full pay, ghal kull sena, matul il-karriera kollha fis-servizz pubbliku.

Illi ladarba l-attrici ma ssodisfatx il-kriterji specifici ghal-leave ta' qabel l-irtirar, u dan irrizulta mix-xiehda fuq imsemmija, it-talba taghha ma tistax tintlaqa'. L-attrici ma gabet l-ebda prova li r-regola misjuba fil-Public Service Management Code ma tapplikax ghaliha wkoll, u ghaldaqstant hija wkoll koperta minn tali regola, li bhala tali tifforma parti mill-kundizzjonijiet li jirregolaw l-impjieg taghha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-attrici.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur